

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 161

ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi
13 ta' Lulju 2007
Avviż Nru

Werrej

Paġna

 III *Atti preparatorji*
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
434 Sessjoni Plenarja ta' l-14 u t-15 ta' Marzu 2007

2007/C 161/01	Opinjoni "L-impatt ekonomiku u baġitarju fuq il-popolazzjonijiet li qegħdin jixjieħu"	1
2007/C 161/02	Opinjoni "Il-ġlieda kontra l-evazzjoni fit-taxxa Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija koordinata bil-għan li titjeb il-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa"	2
2007/C 161/03	Opinjoni "L-akkomodazzjoni u l-politika reġionali"	3
2007/C 161/04	Opinjoni "It-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (Verżjoni riformulata)"	4
2007/C 161/05	Opinjoni "Retrofitting ta' mirja Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-retrofitting ta' mirja lill-vetturi għat-tagħbija tqila rreġistrati fil-Komunità"	5
2007/C 161/06	Opinjoni "L-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija"	6
2007/C 161/07	Opinjoni "Tratturi għall-agrikoltura — firxa tal-viżjoni u l-wipers tal-windscreen Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-firxa tal-viżjoni u l-wipers tal-windscreen għal tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kodifikata)"	7
2007/C 161/08	Opinjoni "Tratturi għall-agrikoltura — partijiet u karattersitiċi Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti partijiet u karattersitiċi tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kodifikata)"	8

MT

2007/C 161/09	Opinjoni “Tratturi għall-agrikoltura — il-veloċità massima skond id-disinn Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-veloċità massima skond id-disinn u l-pjattaformi tat-tagħbija għat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kodifikata)”	9
2007/C 161/10	Opinjoni “Tratturi għall-agrikoltura — tagħmir għall-immanuvrar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħmir għall-immanuvrar tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kodifikata)”	10
2007/C 161/11	Opinjoni “Inġunzjonijiet għall-protezzjoni ta’ l-interessi tal-konsumaturi Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni ta’ l-interessi tal-konsumaturi (Verżjoni kodifikata)”	11
2007/C 161/12	Opinjoni “Servizzi fil-qasam tas-swieq tax-xogħlijiet pubbliċi Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tabbroga d-Direttiva tal-Kunsill 71/304/KEE tas-26 ta’ Lulju 1971 dwar it-trażżin tar-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-provvista tas-servizzi fil-qasam tas-swieq tax-xogħlijiet pubbliċi u fuq l-allokazzjoni tal-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi mill-aġenziji intermedjarji jew mill-fergħat”	12
2007/C 161/13	Opinjoni “Approssimazzjoni tal-liġijiet dwar it-trade marks Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jiġu approssimati l-liġijiet ta’ l-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata)”	13
2007/C 161/14	Opinjoni “Proċeduri għall-eżerċizzju ta’ poteri ta’ implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni 25 att li għandhom jiġu adottati b’urġenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta’ poteri ta’ implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta’ Lulju 2006”	14
2007/C 161/15	Opinjoni “L-użu sostenibbli tal-pestiċidi Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja sabiex jintlaħaq użu sostenibbli tal-pestiċidi”	15
2007/C 161/16	Opinjoni “Il-klassifikazzjoni ta’ l-injam mhux irfinut Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 68/89/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni ta’ l-injam mhux irfinut”	16
2007/C 161/17	Opinjoni “Il-benesseri ta’ l-annimali — It-tikkettar”	17
2007/C 161/18	Opinjoni “Il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali — Anness XI Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament 883/2004/KE dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, u li jiddetermina l-kontenut ta’ l-Anness XI”	18
2007/C 161/19	Opinjoni “Il-familja u l-bidla demografika”	19
2007/C 161/20	Opinjoni “Insolvenza — Protezzjoni ta’ l-impjegati Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta’ l-impjegati fil-każ ta’ l-insolvenza ta’ min iħaddimhom (Verżjoni kodifikata)”	20
2007/C 161/21	Opinjoni “Protezzjoni diplomatika u konsulari Green Paper dwar il-protezzjoni diplomatika u konsulari taċ-ċittadini ta’ l-Unjoni fil-pajjiżi terzi”	21



2007/C 161/22	Opinjoni “Servizzi soċjali ta’ interessi ġenerali Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — L-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta’ Liżbona — Is-servizzi soċjali ta’ interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea”	22
2007/C 161/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew — Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna — Reviżjoni ta’ nofs it-term tal-White Paper tat-Trasport ta’ l-2001 tal-Kummissjoni Ewropea COM(2006) 314 final	23
2007/C 161/24	Opinjoni “Tikkettar ta’ l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta’ l-uffiċċju Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm Komunitarju ta’ tikkettar ta’ l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta’ l-uffiċċju”	31
2007/C 161/25	Opinjoni “Regoli tal-kompetizzjoni — Trasport — Verżjoni kodifikata Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permess tal-passaġġi fuq l-ilma interni”	32



III

(Atti preparatorji)

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

434 SESSJONI PLENARJA TA' L-14 U T-15 TA' MARZU 2007

Opinjoni "L-impatt ekonomiku u baġitarju fuq il-popolazzjonijiet li qegħdin jixjieħu"

(2007/C 161/01)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss għie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Il-ġlieda kontra l-evażjoni fit-taxxa Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija koordinata bil-għan li titjeb il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa”

(2007/C 161/02)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni "L-akkomodazzjoni u l-politika reġjonali"

(2007/C 161/03)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “It-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (Verżjoni riformulata)”

(2007/C 161/04)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss għie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Retrofitting ta’ mirja Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-retrofitting ta’ mirja lill-vetturi għat-tagħbija tqila rreġistrati fil-Komunità”

(2007/C 161/05)

Billi din l-opinjoni għet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss għie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “L-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija”

(2007/C 161/06)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Tratturi għall-agrikoltura — firxa tal-viżjoni u l-wipers tal-windscreen Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-firxa tal-viżjoni u l-wipers tal-windscreen għal tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kodifikata)”

(2007/C 161/07)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss għie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Tratturi għall-agrikoltura — partijiet u karattersitiċi Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti partijiet u karatteristiċi tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kodifikata)”

(2007/C 161/08)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss għie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Tratturi għall-agrikoltura — il-veloċità massima skond id-disinn Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-veloċità massima skond id-disinn u l-pjattaformi tat-tagħbija għat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kodifikata)”

(2007/C 161/09)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss għe tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Tratturi għall-agrikoltura — tagħmir għall-immanuvrar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħmir għall-immanuvrar tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (Verżjoni kodifikata)”

(2007/C 161/10)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss għie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Inġunzjonijiet għall-protezzjoni ta’ l-interessi tal-konsumaturi Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni ta’ l-interessi tal-konsumaturi (Verżjoni kodifikata)”

(2007/C 161/11)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Servizzi fil-qasam tas-swieq tax-xogħlijiet pubbliċi Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tabbroga d-Direttiva tal-Kunsill 71/304/KEE tas-26 ta’ Lulju 1971 dwar it-trażżin tar-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-provvista tas-servizzi fil-qasam tas-swieq tax-xogħlijiet pubbliċi u fuq l-allokkazzjoni tal-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi mill-aġenziji intermedjarji jew mill-fergħat”

(2007/C 161/12)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Approssimazzjoni tal-liġijiet dwar it-trade marks Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata)”

(2007/C 161/13)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Proċeduri għall-eżerċizzju ta’ poteri ta’ implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni 25 att li għandhom jiġu adottati b’urġenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta’ poteri ta’ implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta’ Lulju 2006”

(2007/C 161/14)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “L-użu sostenibbli tal-pestiċidi Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja sabiex jintlaħaq użu sostenibbli tal-pestiċidi”

(2007/C 161/15)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Il-klassifikazzjoni ta’ l-injam mhux irfinut Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 68/89/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li jkkoncernaw il-klassifikazzjoni ta’ l-injam mhux irfinut”

(2007/C 161/16)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Il-benesseri ta’ l-animali — It-tikkettar”

(2007/C 161/17)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali — Anness XI Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament 883/2004/KE dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, u li jiddetermina l-kontenut ta' l-Anness XI”

(2007/C 161/18)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Il-familja u l-bidla demografika”

(2007/C 161/19)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Insolvenza — Protezzjoni ta’ l-impjegati Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta’ l-impjegati fil-każ ta’ l-insolvenza ta’ min iħaddimhom (Verżjoni kodifikata)”

(2007/C 161/20)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Protezzjoni diplomatika u konsulari Green Paper dwar il-protezzjoni diplomatika u konsulari ta-ċittadini ta' l-Unjoni fil-pajjiżi terzi”

(2007/C 161/21)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Servizzi soċjali ta’ interessi ġenerali Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — L-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta’ Liżbona — Is-servizzi soċjali ta’ interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea”

(2007/C 161/22)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew — Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna — Reviżjoni ta' nofs it-term tal-White Paper tat-Trasport ta' l-2001 tal-Kummissjoni Ewropea

COM(2006) 314 final

(2007/C 161/23)

Nhar it-22 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni Ewropea, iddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262(1) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew — Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna — Reviżjoni ta' nofs it-term tal-White Paper tat-Trasport ta' l-2001 tal-Kummissjoni Ewropea*

Is-sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-21 ta' Frar 2007. Ir-rapporteur kien is-Sur Barbadillo López.

Matul l-434 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fl-14 u l-15 ta' Marzu 2007 (seduta tal-15 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'144 voti favur, 3 voti kontra u 24 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Minn mindu ġiet ippubblikata l-White Paper tat-Trasport fl-2001, is-sitwazzjoni ġenerali żviluppat b'mod differenti ħafna milli kien mistenni. It-tkabbir ekonomiku kien iktar baxx, il-prezz taż-żejt għola b'mod sinifikanti, it-tkabbir ta' l-Unjoni ta lill-UE dimensjoni kontinentali, żviluppi ġodda fit-teknoloġija qegħdin jittrasformaw lit-trasport f'settur teknoloġiku mill-aktar avvanzat, hemm it-theddida kontinwa tat-terroristi u t-qassim modali fis-suq tat-trasport inbidel. Dawn il-fatturi kollha jindikaw il-ħtieġa ta' riorjentazzjoni tal-politika tat-trasport.

1.2 Iżda l-għanijiet ġenerali tal-politika tat-trasport baqgħu l-istess: mobilità tal-persuni u tal-merkanzija li tkun kompetittiva, sostenibbli, bla periklu, li tirrispetta l-ambjent u li toffri xogħol ta' kwalità ogħla. Dawn l-għanijiet huma kompletament konformi ma' l-Aġenda riveduta ta' Lisbona għat-tkabbir u għax-xogħol iżda għadhom ma jirriflettux bis-sħiħ l-għanijiet tal-perijodu fit-tul ta' l-istrateġija riveduta għall-iżvilupp sostenibbli u l-isfida tal-bidla klimatika. B'mod partikulari, ir-reviżjoni għadha ma ppreżentatx strateġija koerenti fuq perijodu itwal sabiex jinkiseb l-ewwel għan għat-trasport sostenibbli ppreżentat fl-istrateġija riveduta għall-iżvilupp sostenibbli li huwa l-firda bejn it-tkabbir ekonomiku u d-domanda għat-trasport.

1.2a) Filwaqt li jappoġġja dawn il-miżuri kollha li qiegħda ttipponi l-Kummissjoni sabiex il-metodi differenti tat-trasport isiru iktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija u inqas intensivi fl-użu tal-karbonju, il-Kumitat jistaqsi jekk dan fl-aħħar mill-aħħar hux ser ikun biżżejjed sabiex jinkiseb it-tnaqqis kollu ta' l-emissjonijiet tal-karbonju li huwa meħtieġ mill-Ewropa sa nofs dan is-seklu. Għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tnedi studji dwar it-tip ta' miżuri li nistgħu neħtieġu sabiex jinkiseb tnaqqis fil-livell globali tad-domanda għat-trasport fuq perijodu itwal. F'dan l-isfond għandhom jiġu kkunsidrati sinjali adegwati permezz tal-prezzijiet; u l-formulazzjoni mill-ġdid ta' politiki dwar l-ippjanar u l-isparju urban sabiex iħeġġu iktar proviżjoni lokali u aċċess għal merkanzija u servizzi ta' kull tip, u inqas dipendenza fuq id-distanzi dejjem itwal li tinvolvi t-trasportazzjoni ta'

nies u merkanzija. Għandu jkun meqjus ukoll kif jista' jinfetħu dibattitu pubbliku usa' dwar dawn il-kwistjonijiet, u ssir esplorazzjoni dwar kif individwi u intrapriżi responsabbli jistgħu jikkontribwixxu bl-aħjar mod għal sostenibbiltà fit-tul permezz ta' l-għażliet u l-imġiba tagħhom fir-rigward tat-trasport u ta' l-ivvjaġġar.

1.3 L-UE tħaddan livell għoli ta' diversità, b'karatteristiċi orografiċi, territorjali u demografiċi differenti ħafna, li għandha kemm pajjiżi ċentrali b'livelli għolja ta' konġestjoni u ta' traffiku transitorju kif ukoll żoni periferiċi estensivi ħafna mingħajr din il-pessjoni kontinwa fuq l-infrastruttura tagħhom. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm approċċ ġeografikament iddifferenzjat għall-politika tat-trasport.

1.4 Il-KESE jappoġġja l-għanijiet tal-White Paper riveduta, li timmira li jiġu ottimizzati l-modi kollha tat-trasport, kemm waħedhom kif ukoll flimkien, billi jittejjeb il-potenzjal speċifiku ta' kull wieħed minnhom bil-għan li jkun hemm sistemi tat-trasport li jniġġsu inqas u li jkunu iktar effiċjenti u li jiggerantixxu l-mobilità sostenibbli tal-persuni u l-merkanzija.

1.5 Il-KESE jikkunsidra bħala neċessarju li titjib l-interoperabilità ta' bejn il-modi tat-trasport u li tiżdied il-kompetittività tat-trasport ferrovjarju, marittimu u t-trasport fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni. Dan sabiex tissaħħaħ l-effettività u l-effiċjenza tagħhom, u jiżdied is-sehem li għandhom mis-suq tat-trasport. B'hekk tissaħħaħ il-vijabilità tagħhom fuq perijodu twil. Huwa jikkunsidra wkoll li l-aworitajiet pubbliċi jistgħu jippromovu l-koordinazzjoni bejn il-modi differenti.

1.6 Il-Kumitat jirakkomanda li jiġu kkunsidrati s-servizzi tat-trasport pubbliku bejn l-ibliet tal-passiġġieri permezz tat-toroq bħala mezz sabiex jitwettqu l-għanijiet stabbiliti mill-Kummissjoni, bħalma huma t-tnaqqis tal-konġestjoni, it-tniġġis u l-konsum tal-karburant u t-titjib tas-sigurtà fit-toroq; dan minħabba l-kapaċità għolja ta' ġarr tal-passiġġieri li għandu dan il-mod tat-trasport u b'żieda sinifikanti fir-rwol tat-trasport pubbliku fir-rigward tal-karozzi privati.

1.7 It-trasport bl-ajru espanda bil-kbir f'dawn l-aħħar għaxar snin, permezz tal-ftuħ tas-suq, iżda l-implimentazzjoni mhux uniformi tat-tielet pakkett f'diversi Stati Membri u r-restrizzjonijiet eżistenti fis-suq intern qegħdin iwasslu għax-xkiel fil-kompetizzjoni. Għalhekk it-tħaddim tas-suq intern għandu b'żonn jit-jieb.

1.8 In-nuqqas ta' suq intern għat-trasport marittimu qiegħed iżomm lill-UE milli tottimizza r-regoli dwar it-traffiku intern u, għaldaqstant li tissimplifika l-kummerċ intern. Dan għandu riperkussjonijiet negattivi għall-integrazzjoni ta' dan it-traffiku fil-ktajjen modalijiet interni.

1.9 It-trasport huwa wieħed mis-setturi li l-iktar iħaddmu nies, iżda n-nuqqas ta' persunal qiegħed iwassal għal żieda fir-reklutaġġ ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi, fatt li jissuġġerixxi li hemm b'żonn ta' sforzi sabiex jittjiebu t-taħriġ, il-fama u l-kwalità ta' l-impjegji relatati mat-trasport fost iż-żgħażaġh, qasam fejn l-insieħba soċjali jistgħu jkollhom rwol x'jaqdu.

1.10 Jeħtieġ li l-politika komuni dwar it-trasport tkompli jkollha impatt fuq l-armonizzazzjoni teknika, fiskali u soċjali ta' kull mod ta' trasport kemm individwali kif ukoll kollha f'daqqa, sabiex jiġi promoss qafas li jassigura kondizzjonijiet li huma ġenwinament ugwali.

1.11 Hemm b'żonn li titjeb il-kwalità tas-servizz sabiex il-modi tat-trasport ikunu aktar attraenti għall-utenti. Il-Kumitat jinnotta b'sodisfazzjon l-attenzjoni mogħtija fir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-*White Paper* lid-drittijiet tal-passiġġiera li jużaw kull mod tat-trasport, speċjalment lid-drittijiet ta' persuni b'mobilità mnaqqsa, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull mod.

1.12 Il-ħarsien tal-modi tat-trasport għandu jkun għan ta' prijorità, u l-miżuri tas-sigurtà għandhom jiġu estiżi għal kull mod ta' trasport u l-infrastruttura relatata, filwaqt li jiġu evitati l-kontrolli tas-sigurtà mhux meħtieġa u jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-privatezza ta' l-utenti.

1.13 It-trasport huwa konsumatur ewlieni ta' l-enerġija mill-karburanti fossili u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq dawn is-sorsi ta' l-enerġija u t-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport għandhom ikunu prijoritajiet, u għaldaqstant għandu jiffassal programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni b'fondi xierqa, li jistgħu jstimolaw l-użu ta' sorsi alternattivi ta' l-enerġija, primarjament f'żoni urbani. B'żieda ma' dan, għandha tiġi implimentata politika li tagħmel distinzjoni bejn il-modi, speċjalment fir-rigward tat-tassazzjoni, u li thegħeġ l-adozzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, li jħarsu l-ambjent.

1.14 L-infrastruttura tipprowdi x-xibka fiżika meħtieġa għall-iżvilupp tas-suq intern tat-trasport u sabiex nottommizzawha jeħtieġ li jintlaħqu żewġ għanijiet: li tonqos il-konġestjoni u li titjeb l-aċċessibilità billi s-sorsi kollha tal-fondi jiġu mmobilizzati.

1.15 L-infrastruttura tat-trasport, partikularment fiż-żoni urbani, għandha tappoġġja l-iżvilupp tat-trasport pubbliku. Il-politika ta' l-investment għandha tintuża sabiex gradwalment jiġi limitat l-isparju disponibbli għat-trasport permezz ta' karozzi privati.

2. Introduzzjoni u l-proposta tal-Kummissjoni

2.1 L-għan tal-*White Paper* ta' l-1992 tal-Kummissjoni, bl-isem *L-iżvilupp futur tal-politika komuni dwar it-trasport* ⁽¹⁾, kien li jinħoloq suq uniku għat-trasport, li jiffaċilita l-mobilità b'mod ġenerali billi jinfetħ is-suq. F'għaxar snin, barra mis-settur ferrovjarju, l-għanijiet ġeneralment intlaħqu.

2.2 F'Settembru 2001, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat *White Paper* ġdida bl-isem "Il-Politika Ewropea dwar it-Trasport għall-2010: żmien li tittieħed deċiżjoni" ⁽²⁾ li tipprowdi 60 miżura sabiex ikun hemm ċaqliq fil-bilanċ bejn il-modi tat-trasport, jitneħħew sitwazzjonijiet ta' konġestjoni, sabiex l-utenti jittipogħew fil-qalba tal-politika tat-trasport u jiġu ġestiti l-effetti tal-globalizzazzjoni.

2.3 Sabiex jitħaffef il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u r-riżultati jkun jistgħu jiġu evalwati, il-*White Paper* ta' l-2001 stabbilixxiet mekkaniżmu ta' reviżjoni li teħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta skeda b'għanijiet speċifiċi, tagħmel stima globali fl-2005 ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-*White Paper* u, fejn meħtieġ, tagħmel il-bidliet. Ir-riżultat huwa l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li qiegħda tiġi kkunsidrata f'din l-opinjoni.

2.4 L-approċċ adottat fir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-*White Paper* huwa bbażat, fost affarijiet oħra, fuq l-orjentazzjoni mill-ġdid tad-domanda għat-trasport lejn modi li jħarsu iktar lill-ambjent, partikularment fir-rigward tat-trasport fit-tul, taż-żoni urbani u ta' kurituri bi problema ta' konġestjoni (i.e. linji tat-trasport konġestjonati). Fl-istess ħin il-modi kollha ta' trasport jeħtieġu jirrispettaw aktar l-ambjent, bla periklu u effiċjenti mill-lat ta' l-enerġija.

2.5 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem *Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-Mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna* kienet imfassla fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet li nżammu matul l-2005. Dawn il-konsultazzjonijiet enfasizzaw ir-rwol ċentrali tat-trasport fit-tkabbir ekonomiku u l-ħtieġa li jsir aġġustament mill-ġdid tal-miżuri politiki.

2.6 L-għanijiet ġenerali tal-politika tat-trasport jibqgħu l-istess: mobilità tal-persuni u l-merkanzija li tkun kompetittiva, sostenibbli, bla periklu, li tirrispetta l-ambjent u li toffri kondizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità ogħla. Dawn l-għanijiet huma kompletament konformi ma' l-Aġenda riveduta ta' Lisbona għall-impjegji u għat-tkabbir u ma' l-Istrateġija riveduta għall-iżvilupp Sostenibbli.

⁽¹⁾ COM(92) 494 tat-2 ta' Diċembru 1992: *L-iżvilupp futur tal-politika komuni dwar it-trasport*.

⁽²⁾ COM(2001) 370 tat-12 ta' Settembru 2001: *Il-Politika Ewropea dwar it-Trasport għall-2010: żmien li tittieħed deċiżjoni*

2.7 L-innovazzjoni hija waħda mill-għoddod l-iktar importanti sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet: l-introduzzjoni ta' sistemi tat-trasport intelliġenti, bbażati fuq il-komunikazzjoni u teknoloġija tal-magni iktar avvanzata sabiex tintlaħaq effiċjenza ogħla ta' l-enerġija u l-promozzjoni u l-użu ta' karburanti alternattivi.

2.8 Iżda l-muftieħ għar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-*White Paper* jinsab fil-ko-modalità, fi kliem ieħor, l-użu effiċjenti ta' modi differenti waħedhom u flimkien, li "se tirriżulta fużu ottimali u sostenibbli tar-riżorsi". Dan l-approċċ huwa l-aqwa garanzija li jintlaħaq livell għoli ta' mobilità u ta' protezzjoni ta' l-ambjent fl-istess ħin.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE jsostni u jtnni l-fehma ppreżentata fil-*White Paper* tad-19 ta' Ġunju 2002, li r-reviżjoni attwali ta' nofs it-term għandha tagħmilha ċara li, meta wieħed jikkunsidra l-iżviluppi fis-settur tat-trasport u s-sitwazzjoni ekonomika, politika u soċjali ta' l-Unjoni, jeħtieġ li jkun hemm adattament effettiv u immedjat tal-politika komuni tat-trasport sabiex jiġu kkunsidrati l-bidliet li sehew matul il-perijodu ta' l-istħarriġ u ta' l-iżviluppi futuri previsti.

3.2 Huwa japprova wkoll il-politiki mmirati lejn it-titjib tal-potenzjal teknoloġiku sabiex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi li jikkontribwixxu direttament għall-prijoritajiet Ewropej fil-qasam tal-kompetittività, tas-sigurtà, ta' l-ambjent u tal-politika soċjali.

3.3 Dan il-kuntest huwa differenti ferm milli wieħed immaġina fiż-żmien li tfasslet il-*White Paper* ta' l-2001: tkabbir ekonomiku iktar baxx milli mistenni, tensjonijiet ġeopolitiċi, prezzijiet taż-żejt jogħlew, l-effetti tat-tkabbir ta' l-UE, il-globalizzazzjoni, żviluppi teknoloġiċi ġodda, it-theddida kontinwa tat-terroristi u l-bidliet fil-bilanċ bejn il-modi tat-trasport. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, għandha l-għan li l-politika għat-trasport ta' l-UE tiġi adattata għall-kuntest li fih iridu jkunu ddeterminati t-tkabbir u l-politiki futuri.

3.4 Ir-raġuni għar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-*White Paper* ta' l-2001 mhix biss il-kuntest il-ġdid imfisser hawn fuq iżda wkoll il-wisq meħtieġa orjentazzjoni mill-ġdid għall-politika tat-trasport ta' l-UE li tippreżenta l-*White Paper*. Ir-reviżjoni tal-*White Paper*, għandha tiffoka bl-istess ammont ta' reqqa fuq politika tat-trasport iddisinnjata sabiex tottimizza l-modi kollha tat-trasport, permezz ta' proċessi li jirrenduhom iktar kompetittivi, sostenibbli, ta' benefiċċju soċjali, rispettużi ta' l-ambjent u bla periklu, u jeħtieġ li s-sostenibbiltà tkun ankrata fir-relazzjoni stretta tagħhom mal-progress u t-tkabbir ekonomiku u fil-kordinazzjoni neċessarja bejn il-modi differenti li jistgħu jipromovu l-awtoritajiet pubbliċi.

3.5 Ir-reviżjoni tagħmel ukoll proposta mixtieqa sabiex it-trasport jikkonforma mal-prijoritajiet ta' l-ambjent, b'konformità mal-kunċett ta' "Trasport Sostenibbli", u li dan isir b'mod simili għall-modi differenti tat-trasport. Iżda sfortunatament, l-istudji

magħmula mill-Kummissjoni f'Parti 3 ta' l-Anness II tal-komunikazzjoni, dwar it-trasport u l-ambjent, m'humiex imqasmin skond it-tip ta' trasport bit-triq, b'figuri separati għall-użu tat-trasport pubbliku u dak privat; kieku intuża dan il-metodu, dan kien jipprovi mudell li juri l-effetti negattivi, primarjament ta' l-użu intensiv u bla rażan tal-karozzi fuq il-konġestjoni, is-sigurtà, it-tniġġis, u l-konsum ta' l-enerġija, fost affarijiet oħra.

3.6 Minħabba l-kontinwità ta' din il-politika tat-trasport, il-KESE jikkunsidra li għandna niddefendu pożizzjoni iktar realista, u dan ikun ifisser:

a) it-tħaffif tal-proċessi regolatorji għall-introduzzjoni ta' sistema tat-trasport marittimu u sistema tat-trasport ferrovjarju bbażati fuq kompetizzjoni regolata, li permezz tagħha jsiru iktar effettivi u effiċjenti;

b) l-effetti tat-trasport bit-triq, ikkawżati mill-konġestjoni tat-traffiku u t-tniġġis, l-aktar mill-vetturi privati, flimkien mat-tkabbir bla waqfien previst mill-Kummissjoni għall-perijodu 2000-2020, għandu jkun suġġett għal miżuri speċifiċi li jindirizzaw dawn il-problemi sabiex ikun hemm lok għal tkabbir iżda fl-istess ħin jitnaqqsu l-effetti perikolużi tat-trasport bit-triq (infrastruttura ġdida, teknoloġija, eċċ.);

ċ) it-trasport pubbliku għall-passiġġieri huwa essenzjali sabiex jinkisbu r-riżultati antiċipati minn dawn il-politiki;

d) li jkunu determinati bi preċiżjoni l-effetti li għandhom il-vetturi kummerċjali ta' inqas minn 3.5 tunnelli fuq is-sigurtà, l-ambjent, il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-ekonomija.

3.7 Għalhekk, hemm bżonn li jiżdedu l-effettività u l-effiċjenza tat-trasport marittimu, tal-passaġġi ta' l-ilma interni u tat-trasport ferrovjarju, permezz tal-promozzjoni tal-kompetittività ta' dawn is-setturi u permezz tat-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-intermodalità, bl-użu ta' miżuri li jippermettu li s-servizzi jkomplu jiġu offruti bi flessibilità u prezzijiet adegwati.

3.7(a) Fil-fehma tal-Kumitat l-istudji li saru s'issa m'humiex biżżejjed billi ma jindirizzawx direttament l-għan fundamentali adottat fl-istrateġija riveduta għall-iżvilupp sostenibbli, li huwa dak li jkun hemm firda bejn it-tkabbir ekonomiku u d-domanda għat-trasport. Barra minn dan, ma janalizzawx fil-fond l-implikazzjonijiet ta' l-isfida tal-bidla klimatika u l-livell tat-tnaqqis tas-CO₂ li ser jenħtieġ fil-50 sena li ġejjin. Fid-dawl tat-tkabbir mgħaġġel fil-mobilità tul dawn l-aħħar 50 sena, u l-ħeġġa dejjem tikber għal iżjed mobilità (kemm fl-Ewropa u saħansitra iktar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw) il-Kumitat għandu dubji serji jekk hux ser ikun possibbli li jinkiseb it-tnaqqis meħtieġ mis-settur tat-trasport sabiex nevitaw katastrofi klimatika sempliċiment billi nipromovu iktar effiċjenza ta' l-enerġija fil-modi differenti tat-trasport u permezz ta' l-ottimizzazzjoni tal-bilanċ ta' bejniet-hom, minkejja l-fatt li dawn l-għanijiet huma mixtieqa. Huwa jemmen li l-Kummissjoni trid tnedi b'urġenza studji dwar it-tip ta' miżuri li nistgħu neħtieġu dalwaqt sabiex niskoraġġixxu ż-żieda fid-domanda għall-mobilità. Dan jista' jsir permezz ta'

sinjali adegwati permezz tal-prezzijiet, u politiki adegwati ta' l-ispazju urban u l-ippjanar, sabiex ninkoraġġixxu iktar il-proviżjoni lokali tal-merkanzija u s-servizzi ta' kull tip sabiex l-aspettattivi tan-nies jiġu ssodisfati mingħajr ma jkollhom għalfejn jivvjaġġaw distanzi dejjem itwal. Għandu jkun meqjus ukoll kif jista' jinfetħa dibattitu pubbliku usa' dwar dawn il-kwistjonijiet, u kif individwi u intrapriżi responsabbli jistgħu jikkontribwixxu bl-aħjar mod għal sostenibbiltà fit-tul permezz ta' l-għażliet u l-imġiba tagħhom fir-rigward ta' l-ivvjaġġar.

3.8 Il-politika tat-trasport għandha turi impenn lejn il-kwalità, is-sigurtà, l-ambjent u l-effiċjenza fit-trasport u tiggarrantixxi l-libertà ta' l-utenti li jagħżlu l-mod ta' trasport. It-trasport għandu jkiseb livelli ta' kopertura li huma ekonomikament u soċjalment sostenibbli, mingħajr ma jintesew, fejn xieraq, l-obbligazzjonijiet tas-settur pubbliku u d-dritt għall-mobilità, li huwa affermat fit-Trattati.

3.9 Id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni m'hix uniformi fl-UE. B'medja ta' 116-il abitant għal kull kilometru kwadru, id-densità tal-popolazzjoni tvarja minn 374 abitant għal kull kilometru kwadru fl-Olanda sa bejn 15 u 21 fil-Pajjiżi Nordiċi. In-numru ta' abitanti li jgħixu f'żoni urbani bħala persentaġġ tal-popolazzjoni totali jvarja wkoll. Il-medja Ewropea hija ta' 80 %, u tvarja mis-97,2 % għall-Belġju sa 59,9 % għall-Greċja. Il-problemi ta' l-utenti f'żoni rurali li jiddependu mit-trasport għandhom jiġu enfasizzati.

3.10 Il-KESE jixtieq jenfasizza l-ħtieġa li jiġi adottat approċċ ġeografikament diferenzjat fil-politika tat-trasport, peress li l-UE hija territorju b'livell għoli ta' diversifikazzjoni b'karatteristiċi topografiċi, territorjali u demografiċi, eċċ differenti ferm, fejn pajjiżi ċentrali, li għandhom żoni b'livelli għolja ta' konġestjoni u ammont sinifikanti ta' traffiku fuq it-toroq, jeżistu flimkien ma' żoni kbar periferiċi jew rurali li ma jiffaċċjawx l-istess pressjoni kontinwa fuq l-infrastruttura tagħhom. Dawn iż-żewġ mudelli jeħtieġu approċċi differenti u speċifiċi fil-qafas tal-politika komuni dwar it-trasport.

3.11 Hemm ukoll il-problema tal-pajjiżi periferiċi, 'il bogħod mill-popolazzjoni prinċipali u miċ-ċentri ta' produzzjoni, li għandhom spejjeż ogħla tat-trasport u minħabba f'hekk, spejjeż ogħla sabiex jipproduċu u jippromovu l-prodotti tagħhom — wieħed mill-iżvantaġġi tal-pożizzjoni mbiegħda. Għalhekk il-KESE jikkunsidra li t-titjib fl-aċċessibilità għandha tkun għodda ta' prijorità sabiex tiżied il-kapaċità kompetittiva tal-pajjiżi jew tar-reġjuni u sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni territorjali.

3.12 Kemm il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll il-White Paper tat-trasport ta' l-2001 huma dokumenti li għandhom bżonn jitlaħħmu, peress li: a) ma jipprovdu l-ebda analiżi ekonomika/finanzjarja jew baġitarja tal-kwistjonijiet li l-Kummissjoni tikkunsidra li għandhom jiġu indirizzati; b) il-politika tat-trasport ma tagħtix lill-kompetizzjoni regolata r-rwol ewlieni li l-Kummissjoni stess issostni li għandha jkollha u ċ) fl-istudji dwar l-ambjent u fi studji oħra trid issir analiżi aktar iddettaljata billi ssir distinzjoni bejn il-modi u t-tipi partikolari tat-trasport, sabiex jiġu studjati l-effetti u s-soluzzjonijiet possibbli.

Il-KESE jikkunsidra li għandhom jiġu adottati miżuri ta' konsul-tazzjoni, li, għaladarba l-problemi jkunu studjati, għandhom jistabbilixxu inizjattivi li fil-ġejjieni għandhom jagħtu lill-UE politika dwar it-trasport koeżiva u sostenibbli.

3.13 Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tistqarr li l-biċċa l-kbira tal-miżuri ppreżentati fil-White Paper ġew adottati jew proposti, u li l-impatti tagħhom huma mfissra u evalwati f'Anness 3, li m'huwiex inkluż fil-komunikazzjoni. Il-KESE jitlob li tiġi adottata lista dettaljata kronoloġika tal-miżuri u li l-impatt tagħhom jiġi inkluż, jew li jiġi pprovdut b'mod ċar is-sit ta' l-Internet li fuqu huma ppubblikati.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Sabiex issir analiżi sistematika tal-komunikazzjoni dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-White Paper tat-Trasport ta' l-2001 ser jiġu elenkati xi aspetti ġenerali li dwarhom il-KESE iħoss li hemm bżonn li jagħti kontribuzzjoni kostruttiva, skond il-format tal-komunikazzjoni nnifisha.

4.2 Il-mobilità sostenibbli fis-suq intern — nġhaqqdu lill-Ewropej

4.2.1 Il-Kummissjoni tistqarr li "s-suq intern ta' l-UE huwa l-istrument ewlieni biex tinkiseb industrija tat-trasport b'saħħitha li ggħib it-tkabbir u l-impjegji. Bħalma wrew is-settur ta' l-avjazzjoni u setturi oħra bħal dak tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni, il-proċess ta' liberalizzazzjoni tas-suq intern jistimola l-innovazzjoni u l-investment biex jingħata servizz aħjar b'inqas spejjeż. L-istess suċċess jista' jinkiseb fis-settur tat-trasport kollu." Fit-trasport bl-ajru r-riżultati kienu li żdiedet l-għażla għall-konsumaturi u tbaxxew il-prezzijiet.

4.2.2 Trasport bit-triq: sabiex tiġi analizzata l-kwistjoni tat-trasport bit-triq b'mod oġġettiv trid issir distinzjoni skond il-mod u l-karatteristiċi speċifiċi, dan peress li l-akbar sehem tat-trasport fi ħdan l-UE iseħħ bit-triq, u jammonta għal 44 % tat-trasport tal-merkanzija u għal madwar 85 % tat-trasport tal-passiġġieri. Il-vetturi b'mutur ⁽³⁾ fil-25 pajjiż ta' l-UE huma mqassmin hekk: 212-il miljun karozza tal-passiġġieri, 30,702 miljuni vetturi kummerċjali, 25,025 miljun two-wheelers b'mutur u 719,400 karozza tal-linja u coaches. Dan juri biċ-ċar fejn tinsab l-akbar responsabbiltà ta' l-UE fir-rigward tal-konġestjoni tat-traffiku u problemi ambjentali.

4.2.2.1 Il-komunikazzjoni ma tagħmel l-ebda referenza għat-trasport pubbliku bejn l-ibliet tal-passiġġieri permezz tat-toroq, u b'hekk qiegħda tfixkel b'mod serju milli tintlaħaq soluzzjoni potenzjali billi l-passiġġieri tal-karozzi jibdeu jużaw dan il-mezz ta' trasport. Dan kien jirriżulta f'ħafna vantaġġi u iffrankar relatati mas-sigurtà, l-ambjent, l-użu ta' l-art, il-flessibilità eċċ. Il-KESE iqis li dan il-mezz ta' trasport għandu jiġi kkunsidrat sabiex jintlaħqu l-għanijiet iddikjarati. Konsegwentement, hemm bżonn ta' leġislazzjoni li tippermetti l-iżvilupp ta' kompetizzjoni regolata, sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati servizzi regolari tat-trasport bejn l-ibliet tal-passiġġieri permezz tat-toroq, li jridu jkunu konformi mar-regoli ta' l-UE u ta' l-Istati Membri dwar ir-reklamar u l-kompetizzjoni.

⁽³⁾ Energy and transport in figures 2005 (Enerġija u trasport fl-istatistika 2005). Direttorat-Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport. Kummissjoni Ewropea).

4.2.2.2 Il-Kummissjoni teżamina l-possibilitajiet sabiex tnaqqas id-differenzi eċċessivi fil-livelli ta' tassazzjoni fuq il-karburanti għat-trasport bit-triq minflok ma tadotta approċċ akar ġenerali għall-kwistjoni billi tintroduċi politika ta' tassazzjoni komuni għal modi tat-trasport kollha, li ma tippenalizza l-ebda mod tat-trasport iktar mill-oħrajn, u b'hekk tiżgura trattament ugwali.

4.2.3 It-trasport bil-ferrovija: Sa mill-1970 is-sehem tas-suq tal-ferroviji niżel minn 10 % għal 6 % tat-trasport tal-passiġġieri u minn 21 % għal 8 % għat-trasport tal-merkanzija. Il-ferroviji tal-merkanzija internazzjonali jaqsmu l-UE b'veloċità medja ta' 18-il km fis-siegħa. L-akbar sfidi li qiegħed jiffaċċja s-settur ferrovjarju huma l-kompetizzjoni mill-modi l-oħra tat-trasport, l-interoperabilità tas-sistemi differenti u l-fatt li l-ferroviji jispeċjalizzaw fit-trasport ta' ċerti prodotti.

4.2.3.1 Il-KESE jikkunsidra li l-uniku mod kif it-trasport bil-ferrovija jista' jilħaq il-livelli ta' effiċjenza u effettività mixtieqa huwa billi jsir aktar kompetittiv, u b'hekk tiżded id-domanda għal dan il-mezz tat-trasport u tiġi żgurata il-vijabilità tiegħu fit-tul; dan jeħtieġ reviżjoni fil-fond tal-leġislazzjoni kollha relata ma' dan is-suġġett u ta' l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri differenti.

4.2.3.2 Madankollu, bħalma ddikjara fl-opinjoni tiegħu dwar il-White Paper tat-trasport ta' l-2001⁽⁴⁾, il-Kumitat jaqbel ma' l-idea li l-prinċipju ta' "kompetizzjoni regolata" għandu japplika għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, inklużi t-trasport pubbliku tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq, li skond l-Artikolu 16 tat-Trattat tal-KE jitqiesu essenzjali sabiex jippromovu l-koeżjoni soċjali u territorjali.

4.2.4 It-trasport bl-ajru: Il-qafas tal-liberalizzazzjoni maħluq mir-Regolamenti (KEE) Nru. 2407/92, 2408/92 u 2409/92, it-"tietlet pakkett" tas-suq intern ta' l-avjazzjoni, ikkontribwixxa għat-trasformazzjoni tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, u b'hekk saru aktar effiċjenti u bi prezzijiet aktar aċċessibbli. Madankollu, l-implimentazzjoni mhux uniformi tat-tietlet pakkett fl-Istati Membri differenti u r-restrizzjonijiet li fadal fuq is-servizzi ta' l-ajru intra-komunitarji joħlqu tfixkil tal-kompetizzjoni (per eżempju, il-kundizzjonijiet differenti sabiex jinħarġu l-liċenzi għat-tħaddim, trattament diskriminatorju fuq rotot lejn pajjiżi terzi, id-diskriminazzjoni kontra linji ta' l-ajru fuq bażi ta' nazjonalità, eċċ.). Għalhekk l-operat tas-suq intern għandu bżonn jiġi rivedut, irid isir it-tibdil meħtieġ sabiex jiġi eliminat it-tfixkil potenzjali u l-qafas regulatorju "ta' ajru uniku" jrid jiġi komplut, sabiex b'hekk it-trasport bl-ajru fl-Ewropa jsir aktar effiċjenti.

4.2.5 It-trasport marittimu: Aktar minn 90 % tat-trasport bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja jgħaddi mill-portijiet marittimi, u 40 % tat-trasport intra-Ewropew isir bil-baħar. It-trasport marittimu, speċjalment dak fuq distanzi qosra, ra tkabbir simili għal dak tat-trasport bit-triq u għandu potenzjal kbir ta' żvilupp

minħabba l-kosta twila ta' l-UE wara t-tkabbir. Il-KESE jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha ssegwi l-moviment tal-merkanzija bil-baħar u tiegħu l-miżuri neċessarji sabiex tadatta għal dan l-iżvilupp⁽⁵⁾.

4.2.5.1 In-nuqqas ta' suq intern għat-trasport marittimu, minħabba l-fatt li l-vjaġġi bil-baħar bejn żewġ Stati Membri jitqiesu li qegħdin isiru barra mill-Unjoni taħt il-liġi internazzjonali, qiegħed iżomm l-UE milli tagħmel l-aħjar użu mir-regolamentazzjoni tat-traffiku intern u tissemplifika l-kummerċ intern, b'riperkussjonijiet negattivi għall-integrazzjoni ta' dan fil-katina modali interna.

4.2.5.2 Il-KESE jqis li integrazzjoni aħjar tas-servizzi tal-port hija bażi essenzjali li fuqhom tista' tiffassal u tiġi introdotta politika komuni tat-trasport marittimu, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tat-"toroq tal-baħar" u sabiex jippromovu "t-trasport marittimu fuq distanzi qosra", sabiex it-trasport marittimu jsir aktar effiċjenti u kompetittiv fil-loġistika tal-katina, li tgħin ittejjeb il-mobilità sostenibbli.

4.3 *Il-mobilità sostenibbli għaċ-ċittadini — trasport ta' min jorbot fuqu, bla periklu u fiż-żgur.*

4.3.1 Il-kondizzjonijiet ta' l-impjeg u tax-xogħol: it-trasport huwa wieħed mis-setturi prinċipali li jipprovdix x-xogħol fl-UE u jgħodd għal 5 % tal-impjegji kollha, imma l-livelli ta' l-impjegji issa qegħdin isiru stabbli. F'uħud mis-setturi, bħal fit-trasport bil-ferrovija u fit-trasport bit-triq, beda jidher in-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa, u dan ikkontribwixxa għal żieda ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi. Il-KESE jaqbel ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiddiedu l-isforzi sabiex jitjebu t-taħriġ u l-kwalità ta' l-impjegji għal dawk li jaħdmu fis-settur, sabiex il-vokazzjonijiet relatati mat-trasport isiru aktar attraenti għaż-żgħażaġh.

4.3.1.1 Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, irid ikun hemm programmi ta' taħriġ, igwidati mill-imsieħba soċjali, li jirriflettux l-karatteristiċi speċifiċi u l-ħtiġijiet ta' kull mod tat-trasport (taħriġ inizjali u kontinwu) li għandu jkollu l-fondi neċessarji.

4.3.1.2 Il-leġislazzjoni soċjali li tkopri t-trasport bit-triq għandha żżomm it-trattament ugwali bejn il-ħaddiema, kemm jekk huma impjegati kif ukoll jekk jaħdmu għal rashom u, għalhekk, id-Direttiva 15/2002 tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-persuni li jwettqu attivitajiet ta' mobilità relatati mat-trasport bit-triq iridu japplikaw b'effett immedjat għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, mingħajr perjodu transitorju, peress li l-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiġi żgurata s-sigurtà fit-triq, li tevita t-tfixkil fil-kompetizzjoni u tippromovi kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol.

Għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq, vetturi kummerċjali ta' inqas minn 3.5 tunnelli metriċi użati għas-servizzi tal-ġarr għandhom jiġu inklużi fir-regolamenti differenti li jkopru t-trasport tal-merkanzija fit-triq.

⁽⁵⁾ Ara l-opinjoni fuq inizjattiva tal-KESE: *Europe's accessibility by sea in the future: developments and how to anticipate them* (L-aċċess marittimu għall-Ewropa fil-futur: żviluppi u metodi kif jiġu antiċipati, ĠU C 151, 28.6.2005).

⁽⁴⁾ ĠU C 241, 7.10.2002.

4.3.2 Id-drittijiet tal-passiġġier: it-tisħiħ tad-drittijiet ta' l-utenti huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-modi kollha tat-trasport itejbu l-kwalità tas-servizz tagħhom (bħal, fost affarijiet oħra, il-frekwenza, il-puntwalità, il-kumdità tal-kategoriji kollha ta' l-utenti, is-sigurtà, il-ħruġ ta' biljetti, il-prevenzjoni ta' overbooking, il-politika ta' tariffi u l-indennizzi, eċċ...). Il-Kumitat iħeġġeġ li dan it-tibdil jiġi introdott kemm jista' jkun malajr, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull mod, speċjalment ta' dawk il-modi li jridu jużaw l-istess infrastruttura.

4.3.2.1 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjoni l-attenzjoni partikolari li r-reviżjoni tal-*White Paper* tagħti lill-aċċessibilità tat-trasport għall-persuni b'mobilità mnaqqsa u għall-kwalità ta' dan it-trasport. Jixtieq jiddikjara, però, li l-kundizzjonijiet ta' l-aċċess ma jikkonċernawx biss il-modi tat-trasport imma l-infrastruttura wkoll, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun bl-ajru, marittimu, fuq l-ilma, bil-ferroviji jew bit-triq kif ukoll il-problemi partikulari li jinqalgħu fit-trasbord.

4.3.3 Is-sikurezza: l-introduzzjoni ta' sett komprensiv ta' regolamenti ġabet magħha sikurezza akbar fil-modi kollha tat-trasport, speċjalment fit-trasport bl-ajru u dak marittimu. Il-miżuri jinkludu l-introduzzjoni ta' *blacklist* tal-linji ta' l-ajru perikolużi u l-ħolqien ta' aġenziji Ewropej għall-modi kollha tat-trasport, li jinkludu l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima (EMSA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ajru (EASA), l-Aġenzija Ewropea Ferrovjarja (ERA). L-uniku eċċezzjoni huwa t-trasport bit-triq. Għalhekk hemm bżonn ta' politika komuni għas-sikurezza fit-triq sabiex jintlaħaq l-għan iddikjarat li jtnaqqsu n-numru ta' inċidenti bin-nofs. Din trid tistabilixxi sistema komuni ta' standardizzazzjoni ta' l-offiżi u s-sanzjonijiet kif ukoll l-introduzzjoni ta' "liċenzja Ewropea tas-sewqan bil-punti penali", li tippermetti t-tnaqqis effettiv tal-punti minħabba kwalunkwe offiża fi kwalunkwe Stat Membru ta' l-UE.

4.3.3.1 Ma rridux ninsew, però, li l-progress tekniku, disinji ġodda tal-vetturi, il-kooperazzjoni dwar l-infrastruttua tal-vetturi (magħrufa bħala *eSafety*) u infrastruttura aħjar, li telimina sezzjonijiet tat-toroq b'riskju għoli (*black spots*), kollha jikkontribwixxu sabiex titjeb is-sikurezza fit-toroq.

4.3.3.2 Il-KESE jirakkomanda li l-istatiċi dwar l-inċidenti tat-traffiku għandhom jinżammu skond il-mod tat-trasport, speċjalment dawk li jinvolvu wkoll karożżi privati, għaliex huma dawn li għandhom l-għola rata ta' inċidenti.

4.3.4 Is-sigurtà: il-miżuri ta' sigurtà fit-trasport bl-ajru żdiedu wara l-avvenimenti tal-11 ta' Settembru 2001. Il-Kumitat jikkunsidra li, fid-dawl ta' l-attakki ta' Madrid u Londra u t-tħeddida kontinwa tat-terroriżmu, il-protezzjoni tar-riżorsi tat-trasport kollha u ta' l-infrastruttura trid tkun prijorità għall-Unjoni. Ir-regolamenti tas-sigurtà għalhekk iridu jiġu estiżi għall-modi kollha tat-trasport u anke għall-katini intermodali. Meta jiġu introdotti spezzjonijiet u regoli ta' sigurtà, però, wieħed irid jevita kontrolli bla bżonn u għaljin wisq u jissalvagwardja d-drittijiet tal-bniedem u l-privatezza ta' l-utenti.

4.3.5 It-trasport urban: Il-Kummissjoni qiegħda tippjana li tippubblika *Green Paper* dwar it-trasport urban. Din trid tiffoka fuq il-promozzjoni tat-trasport pubbliku u tinkludi lista ta' l-aħjar prassi. Barra minn hekk, bħalma l-Kumitat kien stqarr fl-Opinjoni tiegħu dwar il-*White Paper* tat-Trasport ta' l-2001, hemm bżonn li jsir investiment u jtfasslu pjanijiet tat-trasport sabiex tittejjeb il-kwalità tat-trasport pubbliku fl-ibliet kbar li huma maħnuqa bit-traffiku, fuq il-linji ta' l-inizjattiva CIVITAS, tal-proġett TranSURban⁽⁶⁾ u l-Istrateġija Tematika dwar l-Ambjent Urban⁽⁷⁾, li għandhom jirċievu aktar finanza mill-fondi tal-Komunità, filwaqt li jirrispettaw għal kollox il-prinċipju ta' sussidjarjetà, għaliex it-trasport urban għandu jkun loġikament ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dawn il-miżuri però, m'humiex biżżejjed mingħajr politika tat-trasport urban li tagħmilha possibbli u aktar faċli sabiex l-intrapriża privata tiġi involuta fl-offerta tas-servizzi tat-trasport pubbliku urban għall-passiġġieri, u b'hekk tikkontribwixxi sabiex jinħelsu u jintużaw aħjar ir-riżorsi pubbliċi.

4.4 It-Trasport u l-Enerġija

4.4.1 It-trasport huwa wieħed mill-konsumaturi prinċipali ta' l-enerġija u jgħodd għal madwar 70 % tal-konsum totali taż-żejt fl-U.E., bit-trasport bit-triq juża l-aktar (60 %), l-iżjed minħabba n-numru ta' vetturi privati, li jlaħħqu għal aktar minn 465 karożżi tat-tip *saloon* għal kull 1,000 abitant. It-trasport bl-ajru jgħodd għal madwar 9 % tal-konsum taż-żejt u s-settur tal-ferrovija juża madwar 1 %. Il-kompetizzjoni ġusta bejn il-modi differenti tat-trasport titlob li t-tassazzjoni fuq il-konsum taż-żejt tkun ugwali. Konsegwentement, il-possibbiltà li titneħħa l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-karburant għall-użu fl-avjazzjoni għandha tkun ikkunsidrata.

4.4.2 It-tnaqqis fid-dipendenza fuq karburanti fossili u l-emissjonijiet tas-CO₂ għalhekk iridu jsiru prijoritajiet. Sabiex jintlaħaq dawn l-għanijiet — il-Kummissjoni tistima li t-trasport għandu l-potenzjal li jiffranka madwar 26 % ta' l-enerġija sa l-2020⁽⁸⁾. Irid jtfassal programm, iffinanzjat tajjeb, ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni, li jkun jista' jipromovi l-użu ta' enerġiji alternattivi⁽⁹⁾ speċjalment fil-qasam tat-trasport urban tal-wiċċ.

4.4.3 Hemm bżonn ta' politika tat-trasport differenti sabiex tiġi promossa l-esplorazzjoni ta' progressi teknoloġiċi ġodda sabiex jtnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ u d-dipendenza fuq iż-żejt. Din trid tiffoka fuq tassazzjoni u l-promozzjoni tax-xiri u l-użu ta' teknoloġiji ġodda li jstgħu jnaqqsu t-tniġġis u jżidu l-iffrankar ta' l-enerġija. Karburant speċifiku għat-trasport pubbliku jrid jiġi introdott ukoll, b'rata ridotta ta' tassazzjoni eskklusivament għal dan it-tip ta' vettura li tinkwina inqas (Euro IV u Euro V fil-futur), bħalma jeżisti għal modi oħra ta' trasport. L-aproċċ lejn il-kwistjonijiet ambjentali m'għandux ikun ibbażat fuq tassazzjoni punittiva. Pjuttost hemm bżonn li jsir bil-maq-lub, fi kliem ieħor, li tingħata prijorità lit-trasport li jagħmel użu mit-teknoloġiji li ġew iddisinjati sabiex inaqqsu t-tniġġis u jiffrankaw l-enerġija.

⁽⁶⁾ TranSURban (Żvilupp ta' sistemi ta' Transit għat-trasport urban) — proġett appoġġjat mill-UE fil-qafas ta' Interreg III (programm ta' kooperazzjoni interreġjonali)

⁽⁷⁾ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward Strateġija Tematika dwar l-Ambjent Urban — COM(2005) 718 tal-11 ta' Jannar 2006.

⁽⁸⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu Pjan ta' Azzjoni għall-Effikaċċja fl-Użu ta' l-Enerġija: Inwettqu l-Potenzjal — COM(2006) 545.

⁽⁹⁾ Ara l-opinjoni fuq inizjattiva tal-KESE dwar L-Iżvilupp u l-promozzjoni ta' l-użu ta' karburanti alternattivi għat-trasport bit-triq fl-UE, ĠU C 195, 18.8.2006, pġ.75.

4.5 L-aħjar użu possibbli ta' l-infrastruttura

4.5.1 In-netwerks tat-trasport trans-Ewropej (TENs) jipprovdu l-infrastruttura fiżika għas-suq intern, imma l-livell tagħhom ta' żvilupp ivarja fil-partijiet differenti ta' l-UE u l-konġestjoni mhix problema kullimkien.

4.5.2 Il-Kumitat jappoġġja l-idea ta' katini ta' loġistika komodali bħala soluzzjoni aktar effiċjenti għall-kurituri ta' toroq ikkonġestjonati, li jagħmlu l-aħjar użu ta' l-infrastruttura tat-trasport fi ħdan il-modi tat-trasport u minn mod ta' trasport għal ieħor. Dan jinkludi l-mini transalpini, il-kurituri tal-ferrovija, kif ukoll punti intermodali.

4.5.3 Trid issir enfasi fuq il-problemi li jinħolqu minħabba reġjuni u pajjiżi li huma periferiċi jew periferiċi ħafna u li huma remoti. Sabiex jiġi żgurat li dawn iż-żoni li jinsabu 'l bogħod miċ-ċentru ta' l-UE jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mis-swieq interni, in-netwerks tat-trasport trans-Ewropej iridu jitlestew sa l-iskadenza maqbula. Dan jeħtieġ li jiżdedu l-fondi li l-UE warrbet sabiex jiġu żviluppati dawk in-netwerks li diġa jeżistu u li huma l-aktar ikkonġestjonati, speċjalment dawk li jgħaqqdu l-fruntieri. Il-Kummissjoni issemmi eżempji ta' sitwazzjonijiet ta' konġestjoni fil-Pirinej, fil-fruntiera bejn Spanja u Franza u fl-Alpi. Fi ftit kliem, aċċessibilità mtejbja twassal għal aktar kompetittività kif ukoll stennijiet ogħla għall-iżvilupp reġjonali.

4.5.4 Flimkien maż-żieda fin-nefqa msemmija hawn fuq, l-Unjoni Ewropea trid tikkommetti ruħha b'mod serju fil-promozzjoni ta' sistema ta' finanzjament imħallat tal-provvista infrastrutturali, li toffri stabbiltà u garanziji legali għall-parteċipazzjoni ta' kapital privat fil-bini u t-tħaddim ta' l-infrastruttura tat-trasport.

4.6 Il-mobilità intelligēnti

4.6.1 Kif diġa deskritt, sistema ta' trasport intelligēnti tikkontribwixxi sabiex jiġi żgurat użu aktar effiċjenti u razzjonali ta' l-infrastruttura u għalhekk jitnaqqsu l-inċidenti u l-konġestjoni u jiġi protett l-ambjent.

4.6.2 Is-sistema ta' navigazzjoni satellitari, Galileo, li ser tibda topera mill-2010, ser tippovdi applikazzjonijiet futuri

għall-modi kollha tat-trasport, bħalma hi l-Karozza Intelligēnti ⁽¹⁰⁾, tippromovi t-teknoloġiji l-ġodda fil-vetturi, il-programm SESAR, li ser jikkontribwixxi sabiex titjeb it-tmexxija tat-traffiku ta' l-ajru fil-kuntest ta' ajru uniku Ewropew, u s-sistema ERTMS, li ser ittejjeb l-interoperabilità bejn in-netwerks ferrovjarji nazzjonali.

4.6.3 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-approċċ ta' ko-modalità, bħala r-risposta tat-trasport għall-fenomeni tal-globalizzazzjoni u l-ftuħ tas-swieq mondjali. Sabiex nibnu fuq dan l-approċċ hemm bżonn li l-infrastruttura tiġi adattata, ħalli jissaħħu l-interkonnessjonijiet sabiex jippermettu l-kontinwità fit-trasport u sabiex jiġu evitati dewmien u waqfien fil-katina loġistika. Il-promozzjoni tal-ko-modalità tikkontribwixxi sabiex jissaħħu l-modi kollha tat-trasport, speċjalment dawk li bħalissa ma tantx jintużaw.

4.7 Id-dimensjoni globali

4.7.1 Il-KESE jisħaq fuq dak li kien diġa stqarr fl-opinjoni tiegħu dwar il-White Paper ta' l-2001 ⁽¹¹⁾, li l-politika tat-trasport internazzjonali hija parti integrali mill-politika tal-kummerċ u anke, f'xi aspetti, tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (CFSP). Għalhekk jemmen li f'dan il-qasam il-Kummissjoni għandu jkollha poteri simili għal dawk li ngħatawliha mit-Trattati għan-negożjar ta' ftehim internazzjonali tal-kummerċ, fis-sens li, waqt li taġixxi skond il-mandat tal-Kunsill, għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fuq kwistjonijiet tat-trasport fl-organizzazzjonijiet kollha li għandhom kompetenza fuq kwistjonijiet dwar il-politika tat-trasport u għandu jkollha l-poter li tinnegozja ftehim dwar it-trasport ma' pajjiżi terzi fisem l-Istati Membri.

4.7.2 Fl-istess ħin, il-Kumitat jikkunsidra li huwa importanti li jiġu ssemplifikati l-proċeduri tad-dwana sabiex, mingħajr preġudizzju għall-kwalità tas-servizz ⁽¹²⁾, l-ispejjeż sabiex jiġi pprovdut is-servizz ma jiżdidux, u anke sabiex jiġu ggarantiti l-prinċipji li japplikaw għall-fruntieri interni ta' l-UE eż skond ftehim bħal ta' Schengen jew skond kull ftehim ieħor segwenti.

Brussel, 15 ta' Marzu 2007

Il-President tal-

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹⁰⁾ *Communication on the Intelligent Car Initiative — Raising Awareness of ICT for Smarter, Safer and Cleaner Vehicles* (Komunikazzjoni dwar l-Imizjattiva tal-Karozza Intelligēnti — Inqajmu l-Kuxjenza dwar l-ICT għal Vetturi Aktar Intelligēnti, Aktar Sikuri u Aktar Nodfa) — COM(2006) 59.

⁽¹¹⁾ ĠU C 241, 7.10.2002.

⁽¹²⁾ Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-“Proposta ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiġi stabbilit programm ta' azzjoni għad-dwana fil-Komunità (Dwana 2013)” — ĠU C 324, 30.12.2006 pġ 78.

ANNEX

Għall-Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

It-test li jinsab fl-abbozz rivedut ta' l-opinjoni u li jidher hawn taħt ġie respint favur l-emenda addottata mill-assemblea, iżda ġab ta' l-anqas kwart mill-voti mitfuha:

Punt 4.6.4

4.6.4 Fejn tidħol il-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, il-KESE jipproponi li r-restrizzjonijiet fuq it-traffiku f'ħinijiet partikulari stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali jinbidlu ma' restrizzjonijiet li l-Unjoni tista' tikoordina. Dan ikun jeħtieġ l-adozzjoni ta' regoli tal-Komunità f'dan il-qasam. Ikun hemm b'żonn li din il-miżura tiġi kkoordinata mal-ħolqien ta' netwerk transEwropew minimu ta' rotot li jkun ħieles minn dawn ir-restrizzjonijiet, li jassigura t-trasport bit-triq mingħajr interruzzjonijiet.

Riżultat tal-votazzjoni:

82 voti favur l-emenda tal-punt, 72 kontra u 9 astensjonijiet.

Opinjoni “Tikkettar ta’ l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta’ l-uffiċċju Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm Komunitarju ta’ tikkettar ta’ l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta’ l-uffiċċju”

(2007/C 161/24)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.

Opinjoni “Regoli tal-kompetizzjoni — Trasport — Verżjoni kodifikata Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permess tal-passaġġi fuq l-ilma interni”

(2007/C 161/25)

Billi din l-opinjoni ġiet adottata qabel it-tmiem tad-deroga għall-Malti, it-titolu biss ġie tradott u ppubblikat.
